# Infakkru tliet anniversarji, ilkoll marbutin mal-Parroċċa Matriċi u Prinċipali ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu

**Minn Vince Galea B.Ed. (Hons)**

Din is-sena l-Ordni tal-Predikaturi qed jiċċelebra għeluq it-800 sena mit-twaqqif tiegħu. Il-Belt Valletta qed tiċċelebra għeluq l-450 sena minn twelidha u l-Parroċċa tagħna ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu u San Duminku qed tfakkar għeluq il-200 sena mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika Minuri.

Nistgħu ngħidu l-Ordni tal-Predikaturi huwa l-wirt li ħalla lil San Duminku lill-Knisja. Kif jgħidilna l-Beatu Ġordan tas-Sassonja fil-kitbiet tiegħu, l-Ordni tal-Predikaturi twaqqaf fi żminijiet imwiegħra skont il-pjan li Alla għoġbu jfassal u li Duminku kkollabora sħiħ biex iseħħ. Tajjeb li wieħed jara ftit x'wassal għat-twaqqif tal-Ordni tal-Predikaturi biex b'hekk l-anniverasarju li qed niċċelebraw inkunu nistgħu nifhmuh aħjar.

Duminku ta' Gusman trabba f'familja eżemplari u ħa l-edukazzjoni nisranija tiegħu minn zijuh li kien arċipriet, wara bagħtuh Palencia jistudja l-arti liberali u aktar tard beda l-istudji tat-teoloġija. Tħabbeb sew mal-iskrittura Mqaddsa u b'hekk naraw li Alla kien qed iħejjih biex ikun jista' jipprietka l-Kelma Tiegħu. Il-kelma t'Alla saret parti minnu u kontra ż-żagħżugħ għani tal-Evanġelju, meta f' Palencia kien waqa' l-ġuħ Duminku biegħ il-kotba u kulma kellu biex ikun jista' jqassam il-flus lill-fqar. Il-fama tiegħu waslet saħansitra f'widnejn l-Isqof t'Osma li għażlu bħala kanonku regolari tal-katidral tiegħu. Il-monasteru kien għalih post providenzjali biex jikkontempla l-kelma t'Alla, jibki għall-midimbin u jitħejja għal dak li Alla kien għażlu għalih. L-Isqof Diegu ta' Osma kien imqabbad jagħmel missjoni diplomatika u ħa miegħu lil Duminku. Meta wasal f'Toloża sab li din l-belt kienet waqgħet fl-ereżija u Duminku ddispjaċih ħafna għal dawk l-imsejkna erwieħ. Meta marru fil-lukanda biex jistrieħu Duminku sab li l-lukandier kien eretiku u għamel lejl sħiħ jitħaddet miegħu sakemm reġġgħu lura għas-Sewwa. Duminku mill-ewwel induna li din kienet il-ħidma li kellu jaqbad. Meta flimkien mal-Isqof Diegu reġa' ntbagħat biex itemm il-missjoni diplomatika, iltaqa' mal-legati tal-Papa li kienu ntbagħtu biex jiġġieldu l-ereżija u hawn kompliet il-ħidma tiegħu, liema ħidma mingħajr ma nduna dejjem kienet tressqu lejn it-twaqqif tal-Ordni.

F' Fanjeaux fejn kienu jsiru d-disputi sar il-famuż miraklu tal-kotba fejn il-ktieb miktub minn Duminku u l-ktieb miktub mill-eretiċi kienu mpoġġijin fin-nar, u waqt li tal-eretiċi sar irmied dak ta' Duminku baqa' bla mittiefes. Duminku mbagħad waqqaf l-ewwel monasteru tas-sorijiet fi Prouille biex fih ikunu jistgħu imorru x-xebbiet li jikkonvertu mill-ereżija, u li ma kellhomx fejn imorru għax il-familjari tagħhom kienu fdawhom f'idejn l-eretiċi biex jedukawhom. Wara ftit żmien miet l-Isqof ta' Osma li kien sieħeb ta' Duminku fil-predikazzjoni kontra l-ereżija, il-legati li kien bagħat il-Papa qatgħu qalbhom u telqu lura u Duminku spiċċa waħdu flimkien ma' ftit segwaċi.

Fost dawk li kienu jammiraw lil Duminku għall-ħidma tiegħu kien hemm il-Konti ta' Montfort li tah biċċa art ġmielha f' Casseneuil. Barra minn dan l-Isqof Fulk fil-15 ta'Mejju 1214 kien għamlu kappillan tal-Parrocca ta' Fanjeuax u tah il-knisja bir-renti tagħha biex hu u l-ewwel segwaċi tiegħu ikunu jistgħu jgħixu. Għalkemm Duminku u sħabu kienu qed jgħixu ħajja komunitarja f'umilta` kbira qrib Toloża l-Ordni kien għadu ma twaqqafx formalment.

Fil-frattemp kien se jitlaqqa' l-Konċilju Lateran IV u l-Isqof Fulk ħa miegħu lil Duminku biex kif ikun hemm jitlob lill-Papa Innoċenz III iwettaq l-Ordni tal-Aħwa Predikaturi li Duminku kien bi ħsiebu jwaqqaf. Il-Papa waqt li ħeġġu jkompli l-ħidma tiegħu talbu jmur lura u flimkien ma' sħabu jagħżel regola minn fost dawk approvati għal ordni li ried iwaqqaf imbagħad jerġa' lura u jagħtih l-approvazzjoni tiegħu. Meta wara li ntemm il-Konċilju reġġgħu lura Toloża u Duminku għamel kif kien talbu l-Papa u l-aħwa għażlu r-regola ta' Santu Wistin, il-predikatur magħruf u magħha żdiedu xi osservanzi aktar iebsa. L-Isqof ta' Toloża fis-sajf tal-1216 ta lir-reliġjużi, li kienu madwar sittax,

*Kwadru fis-sagristija tal-knisja li juri lill-Papa Piju VII qed jagħti d-digrieti tal-Bażilika u tar-Rukkett lill-kappillan Patri Vinċenz Portelli. Fl-isfond tidher il-bażilika impittra flimkien mal-paġġ tal-Papa qed iżomm f'gabarre` ir-rukkett, iż-żewġ privileġġi li ngħataw lill-knisja parrokkjali tal-Portu Salvu u lill-Komunita` Dumnikana tal-Belt b' rikonoxxenza għall-ħidma mwettqa fil-Pesta tal-1813*







*L-Armi tar-rakkmu li kienu parti mill-ewwel umbrellun mogħti fl-1816 li jidher fil-pittura.*

il-knisja ta' San Romanu u ma'ġenbha bnew kjostru b'ċelel biżżejjed għall-istudju u l-irqad. Sadattant fis-16 ta' Lulju 1216 miet il-Papa Innoċenz III u jumejn wara l-kardinali għażlu lill-Kardinal Savelli li ħa l-isem ta' Onorju III. Duminku ma damx wisq ma mar iżuru u minn għandu bil-Bolla Appostolika ***Religiosam Vitam*** tat-22 ta' Diċembru 1216 qala' l-konferma tal-Ordni. Dan kien it-twaqqif tal-Ordni tal-Predikaturi, ħidma li l-Mulej permezz ta' Duminku kien ilu jħejji għaliha ħafna u li kienet frott ta' ħafna talb, kontemplazzjoni u studju tal-Kotba Mqaddsa.

Għalina l-Beltin din is-sena tfakkar l-450 sena mill-bidu tal-bini tal-Belt Valletta. Il-bini tal-Belt hu marbut mat-tmiem tal-Assedju u l-viżjoni tal-Granmastru La Valette li jibni belt ġdida. Wara li spiċċa l-Assedju l-Kbir tal-1565, il-ħajja f' Malta bdiet ġejja għan-normal u bdiet tinħass il-ħtieġa li tinbena belt ġdida. La Valette kien minn ta' quddiem li ppropona din l-idea imma mhux il-kavallieri kollha kienu tal-istess fehma. Kien hemm min kien għadu jħewden u jimmaġina li jistgħu jerġgħu jirritornaw lejn Rodi. Il-GranMastru La Vallette 24 ta' Frar 1566 għarraf lill-Papa Piju V bid-diffikultajiet li kellu ma' wiċċu u l-Papa f'ittra li bagħatlu fit-22 ta' Marzu tal-istess sena waqt li faħħar l-Ordni għall-ħila tiegħu fir-rebħa li kellu fuq it-Torok, imlielu qalbu bil-kuraġġ u qallu "Jien lest nagħti ħajti għal Alla u għar-Repubblika Nisranija". B'hekk il-kliem tal-Papa ipperswada lill-kavallieri li kienu xettiċi u barra minn hekk il-Papa kien wegħdhom kull għajnuna biex tinbena belt ġdida. Kien deċiż li l-post tal-belt il-ġdida kellu jkun Xagħret Mewwija. Barra minn hekk il-belt il-ġdida kellha tkun ukoll tal-Maltin daqskemm tal-Kavallieri. Għalkemm b'riħet is-Slaten Insara u l-Kavallieri bdew deħlin f'Malta gliegel ta' flus, dawn ma kinux biżżejjed biex jitħallsu l-mijiet ta' ħaddiema mhux biss Maltin imma anke Sqallin u Kalbariżi. Il-Papa kien bagħat lill-inġinir tiegħu Francesco Laparelli u flimkien ma' Gerolamo Cassar, Bartolomeo Genga u Baldassare Lanci tħaddtu fuq il-proġett u għamlu mudelli li ntbagħtu lis-slaten ta' Spanja u ta' Franza biex b'hekk jinġabru l-flus. Malli beda l-bini tal-Belt il-patrijiet Dumnikani mill-ewwel bdew jidħlu jagħtu s-servizz tagħhom lill-eluf ta' ħaddiema li bdew jaħdmu bla waqfien mit-Tnejn sal-Ħadd. Ta' min jgħid li formalment imbagħad il-patrijiet Dumnikani daħlu fil-belt Valletta fl-1568, meta l-GranMastru Del Ponte ta lid-Dumnikani kwartier sħiħ li fil-pjanta tal-Belt kien immarkat bin-numru 8. Hemmhekk għall-bidu l-patrijiet bnew kappella ċkejkna sakemm fid-19 t' April 1571 tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida li kellha tinbena taħt it-titlu tal-Madonna tal-Portu Salvu. Minħabba li dik il-ħabta d-djoċesi ta' Malta kienet mingħajr isqof u ftit kien hemm tama li jinħatar wieħed fi żmien qasir, id-Dumnikani raw li l-unika mezz biex ikollhom id-dritt jamministraw is-sagramenti lin-nies tal-Belt kienet li jmorru Ruma u jitolbu lill-Qdusija Tiegħu il-Papa Piju V biex jgħolli l-knisja li kienu qed jibnu għad-dinjita ta' parroċċa. Dan il-Papa li tant għen finanzjarjament fil-bini ta' din il-Belt, issa kienet ġietu l-opportunita` li jagħniha spiritwalment billi jwaqqaf fiha parroċċa permezz tl-Bolla Appostolika "Ex Dubito Pastoralis'' maħruġa minn Ruma fit-2 ta' Lulju 1571. Fiha jistitwixxi l-knisja msemmija f'Parroċċa Prinċipali tal-Belt kollha kemm hi u jagħti s-setgħa lill-pirjol u lill-komunita li jamministraw is-sagramenti lin-nies kollha tal-Belt il-ġdida bħala parruċċani tagħhom. Nistgħu għalhekk ngħidu li t-twaqqif tal-parroċċa tagħna kien riżultat naturali tal-bini tal-Belt il-Ġdida li bdiet tissejjaħ Valletta u għalhekk il-Parroċċa tagħna hija marbuta intrinsikament mat-twaqqif ta' din il-Belt.

Minħabba diversi diffikultajiet li nqalgħu, il-bini tal-knisja ħa aktar żmien milli kien ippjanat, il-patrijiet bdew jinqdew b' kappella fil-kunvent, liema kappella jsemmiha il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Duzina fil-Vista Pastorali li għamel fid-19 ta' Frar 1575. Fost affarijiet oħra Duzina jsemmi li f' armarju f' din il-kappella kien hemm tliet fliexken tal-metall biż-żjut imbierka waqt li fuq in-naħa tax-xellug kien hemm Fonti tal-Magħmudija. Billi dak iż-żmien din kienet il-parroċċa prinċipali tal-Belt, Mons. Duzina waqqaf fiha l-Arċikonfraternita` tas-Ssmu. Sagrament. Eventwalment inbniet il-knisja, iżda billi din kellha diversi difetti strutturali ma setgħetx isservi fit-tul għalhekk fil-bidu tas-seklu 19 il-patrijiet bdew jaħsbu biex jibnu knisja oħra.

Waqt li l-patrijiet kienu għaddejjin bil-bini tal-knisja l-ġdida, voldieri dik li naraw illum, Malta kienet qed issofri l-flaġell tal-pesta, iżda għalkemm il-bini kellu jieqaf, il-Komunita` Dumnikana tal-Belt kitbet waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja tagħha. Il-marda li jingħad li ġabuha xi brigantini minn Lixandra infirxet ma' kullimkien u fis-16 t' April 1813 tfaċċa l-ewwel każ fil-Belt Valletta. Ingħalqu l-postijiet fejn jinġabru n-nies u l-Isqof Ferdinando Mattei ħareġ Pastorali li fiha ordna li jingħalqu l-knejjes u ħall lil kulħadd mill-obbligu tal-quddies. Madankollu għalkemm ingħalqet il-knisja l-ħidma tal-patrijiet ma waqfitx. Anzi l-kappillan Patri Vinċenz Portelli O.P. u l-viċijiet Patri Fortunat Coleiro O.P. u Patri Nikol Trapani O.P. kienu ta' kull ħin jissejħu biex jassistu l-morda. Jgħinuhom kien hemm ukoll Patri Vinċenz Cumbi O.P. u Patri Salv Debattista O.P. Patri Trapani miet vittma ta' din il-marda waqt il-qadi ta' dmirijietu. Il-patrijiet mhux biss kienu jieħdu ħsieb iqarru u jqarbnu l-morda, iżda kienu anke jeħdulhom ħsieb ħwejjiġhom, biex ma jisirquhomx meta jeħduhom l-isptar u wara mewthom kienu anke jwassluhom għad-difna saċ-ċimiterju. Il-ħidma tal-patrijiet ma kinitx biss limitata għall-parroċċa iżda ġieli waslet saħansitra sal-Furjana l-aktar wara l-mewt tal-viċi Dun Ferdinand Cammilleri, vittma ieħor tal-marda. Kienet din il-ħidma eżemplari tal-Patrijiet li ġagħlet lill-Qdusija Tiegħu il-Papa Piju VII biex wara rekomandazzjoni tal-Isqof Ferdinando Mattei fil-25 ta' Marzu 1816 bil-Brevi 'Explorata Proximorum Dilectio', iżejjen il-knisja l-ġdida tal-Portu Salvu li kienet infetħet sena qabel bit-titlu, l-unuri u

l-privileġġi kollha ta' Bażilika Minuri. Fis-16 ta' Jannar 1817 l-istess Papa bil-Brevi 'Eis Qui in Vineam Domini' għoġbu jżejjen lill-patrijiet bid-dekorazzjoni rari fost ir-reliġjużi, iġifieri l-użu tal-muzzetta. Dan wara rakomandazzjoni oħra tal-istess Isqof u tal-Aġent Gvernatur.

Minn hawn nistgħu naraw li mill-ħidma tal-Ordni tal-Predikaturi li San Duminku waqqaf preċiżament 800 sena ilu, gawdejna minnha anke aħna l-Maltin, b'mod partikolari l-Beltin li sa mit-twaqqif tal-Belt sabu l-għajnuna spiritwali u temporali tal-patrijiet Dumnikani. L-għajnuna baqgħet tingħata anke fl-aktar żminijiet diffiċli bħalma kien il-perjodu tal-pesta tal-1813, tali ħidma erojka waslet biex preċiżament mitejn sena ilu il-knisja tagħna ġiet mgħollija għat-titlu ta' Bażilika Minuri, l-ewwel waħda fil-gżejjer tagħna.




*Iskrizzjoni li tirrapreżenta l-għoti tal-Bażilika*

